**Laqgha Numru 01/K6/2009**

**Introduzzjoni**

Minuti ta' l-Ewwel Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2009 li saret nhar l-Erbgha 28 ta' Jannar 2009.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-7.00 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien skuzat minhabba li jinsab rikoverat wara operazzjoni li ghamel filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava kien skuzat minhabba mpenji skolastici.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fit-22 ta' Jannar 2009. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 18/K6/2008.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 18/K6/2008.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Rapport Finanzjarju Ottubru – Dicembru 2008.**

**10. L-impjieg ta' l-iskrivana Kirsty Rizzo.**

**11. Il-hinijiet tax-xoghol tal-haddiema tal-Kunsill.**

**12. Mozzjoni 01/2009 - Talba ghal Friendship ma' Celettes fi Franza.**

**13. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**14. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 18/K6/2008.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 18/K6/2008 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 18/K6/2008.

2.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li ma kienx hemm punti x'johorgu mill-Minuti.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 01/2009** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-Onor. Dr. Chris Said **(Ara dokument A); Internal Memo 02/2009** b'rapport tal-laqgha li saret ma' rapprezentanti tal-Korporazzjoni Enemalta **(Ara dokument B); Internal Memo 03/2009** b'rapport tal-laqgha li saret mal-Fondazzjoni Temi Zammit **(Ara dokument C); Internal Memo 04/2009** b'rapport tal-laqgha li saret mad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali **(Ara dokument D); Internal Memo 05/2009** Lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 18/K6/2008 u 01/K6/2009 **(Ara dokument E); Internal Memo 06/2009** Rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 18/K6/2008 u 01/K6/2009 **(Ara dokument F); Internal Memo 07/2009** b'rapport dwar il-kwotazzjonijiet re: Photovoltaic Solar Systems **(Ara dokument G);** Performance appraisal Kirsty Rizzo Dicembru 2008 u perjodu minn Lulju sa Dicembru 2008 **(Ara dokument H u I);** Draft tal-programm li ser isir f'Jum Pembroke 2009 inkluz programm tal-Youth **(Ara dokument J u K) u** Draft tender – Removal and Cart Away of Palm Trees **(Ara dokument L)**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-Internal Memos ipprezentati.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn id-19 ta' Dicembru 2008 u t-28 ta' Jannar 2009 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/6004/08/I**
22/12/2008
Ittra minghand The Spinach Group Ltd. fejn qed jitolbu l-permess tal-Kunsill sabiex jaghmel tabelli ta' direzzjoni fil-lokal.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6004/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li l-kumpanija ghandha tigi nfurmata bil-Bye Law li ghandu l-Kunsill kif ukoll li jista' jaghmel uzu minn tabelli tal-Kunsill wara li jsir il-hlas dovut.

**46/6047/08/I**
26/12/2008
Memo 40/2008 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar it-tnehhija ta' merry-go-rounds mill-playing fields.

6.03. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6047/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6049/08/I** 29/12/2008 Ittra minghand l-Onor. Ministru Dolores Cristina b'risposta ta' Mistoqsija Parlamentari dwar l-uzu li ser isir mill-bini ta' l-iskola primarja ga ladarba dan ikun vakant.

6.04. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6049/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li ladarba l-iskola ma jidhirx li ser tinghata lill-komunita' allura ghandu jinstab post alternattiv biex il-Kunsill jitlob ghad-devoluzzjoni halli jaghmel ic-centru socjali kif kien mahsub li jsir flok l-iskola. Ghaldaqstant ippropona biex il-post abbandunat li hemm bejn Triq Cassino, Triq Camillo Sciberras u Triq Mons Mifsud Tommasi biswit l-art li nghatat lill-ghaqda tal-MUSEUM, jkun il-post li ghandu jitlob il-Kunsill ghal devoluzzjoni minflok is-sit ta' l-iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo kif ukoll li l-perit tal-Kunsill ghandu jaghmel rapport bhal ma sar fil-kaz ta' l-iskola ghal dan il-post. Is-Sindku Joe Zammit ippropona ukoll li l-Kunsill ghandu jinforma lir-residenti b'dak li sar rigward it-talba tal-Kunsill vis-à-vis l-iskola kif ukoll li l-Kunsill jitlob ghal risposta jekk il-Kunsill huwiex ser ikun jista' jaghmel uzu imqar mis-sala ta' l-iskola ghax sa llum risposta dwar dan ghada ma waslitx ghand il-Kunsill.

6.05. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6050/08/I** **46/6053/08/I** 29/12/2008 Kopja ta' korrispondenza li saret bejn id-Direttorat ghall-Bini u Tiswija tad-Djar u l-Kunsill vis-à-vis problema tad-dranagg li hemm fi Triq Pietru D'Armenia.

6.07. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6050/08/I u 46/6053/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li x-xoghol li hemm bzonn isir, suppost ser isir matul din il-gimgha.

**46/6068/08/I** 31/12/2008 Ittra minghand id-Direttorat tal-Bini u Tiswija tad-Djar fejn qed jinforma lill-Kunsill li d-Direttorat ser jirranga l-hsara li hemm fil-hitan tal-btiehi ta' Blokk 6 Triq Pietru D'Armenia.

6.08. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6068/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0030/09/I** 05/01/2009 **46/0051/09/I** 06/01/2009 Ittra minghand il-Malta Mountain Bike Association fejn qed jitolbu l-permess tal-Kunsill sabiex jorganizzaw attivita' nhar il-Hadd 18 ta' Jannar fl-akwati tat-trakk tal-BMX.

6.09. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0030/09/I u 46/0051/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li dan il-permess kien diga nghata.

**46/0031/09/I** 05/01/2009 Stedina minghand il-Lithuanian AIDS Centre ghall-partecipazzjoni f'konferenza internazzjonali ffinanzjata mill-EU li ser issir f'Vilnius bejn it-28 u 30 t'April 2009 fuq 'Clinical & Social Research on Aids & Drugs'.

6.10. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0031/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem talab il-permess tal-Kunsill sabiex ikun jista' jirrapprezenta lill-lokal f'din il-konferenza li ser tkun iffinanzjata minn fondi Ewropej.

6.11. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni.

6.12. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0059/09/I** 06/01/2009 E-mail minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Cirkulari 1/2009 fejn baghtu kopja ta' l-invit li rcievew mill-Kumitat Olimpiku Malti biex nipparteċipaw fil-kompetizzjoni Sports for All kif ukoll informaw lill-Kunsill li ser issir laqgha ghal rapprezentanti tal-Kunsill nhar l-Erbgha 28 ta' Jannar fis-7.00pm gewwa l-ufficini ta' l-MOC.

6.14. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0059/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ta' Pembroke ghandu jinforma lill-MOC li huwa nteressat li jiehu sehem f'din l-inizjattiva. Il-kelliem qal li fil-fatt l-MOC gew infurmati li minhabba l-laqgha tal-Kunsill mhux possibbli li jattendu ghall-laqgha li saret illum stess.

6.15. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.17. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill liema attivitajiet ser isiru sabiex il-Kunsill jipparteċipa f'din l-inizjattiva.

6.18. Is-Sindku Joe Zammit qal li dan ghad irid jigi diskuss il-quddiem.

**46/0062/09/I** 06/01/2009 E-mail minghand is-Servizzi ta' l-Ispettorat tas-Sahha fejn informaw lill-Kunsill li minn spezzjoni li saret fi Plot fi Triq il-Profs Jos E. Debono rrizulta li m'hemm l-ebda skart izda xorta ser jaghmlu trattament ta' grieden fl-area.

6.19. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0062/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li l-Kunsill kien informa lir-residenti taz-zona b'din il-korrispondenza kif ukoll lill-MEPA minhabba li hemm bzonn ta' ilqugh in-naha ta' Triq Patri Indri Vella.

**46/0081/09/I** 07/01/2009 E-mail minghand Stadt Bergen fejn stiednu delegazzjoni mill-Kunsill u hames persuni minn 16 il-sena l'fuq li jafu l-germaniz ghall-attivita' ta' Anne Frank Peace Days li ser issir bejn il-21 u 27 ta' Gunju 2009 u biex ikun iffirmat il-Partnership Agreement.

6.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0081/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li minhabba li l-Kunsill ser ikun imhabbat bl-impenji ta' l-attivitajiet ta' Jum Pembroke mhux possibbli li ssir din iz-zjara u ghaldaqstant ippropona biex il-Kunsill Lokali Pembroke jistieden grupp ta' tfal minn Bergen kif ukoll lis-Sindku biex ikun iffirmat il-partnership ta' bejn il-lokalitajiet l-ewwel f'Pembroke u wara f'Bergen.

6.21. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0086/09/I** 07/01/2009 E-mail minghand is-Sur Kevin Agius fejn qed jitlob il-permess tal-Kunsill sabiex juzaw l-Ex Parade Ground mit-22 ta' Gunju sat-2 ta' Lulju 2009 sabiex jorganizzaw fiera.

6.23. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0086/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jinghata dan il-permess pero qabel il-Kunsill jiltaqa' ma' l-organizzaturi biex jigu nfurmati b'dawk il-kundizzjonijiet li jitlob il-Kunsill f'attivitajiet ta' din ix-xorta.

6.24. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0087/09/I** 07/01/2009 Memo 2/2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali rigward hatra ta' Kunsillier responsabbli mill-progetti sostenibbli fil-Lokalita'.

6.26. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0087/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li minhabba d-data ta' l-gheluq ghal risposta kienet il-gimgha l-ohra, huwa kien ressaq in-nomina tieghu bhala Sindku biex ikun rapprezentant tal-Kunsill.

6.27. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jirratifika din l-ghazla.

6.28. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0098/09/I** 08/01/2009 E-mail minghand NNG Promotions fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex nhar il-Hadd 19 ta' Lulju 2009 ikunu jistghu juzaw l-Ex Parade Ground sabiex jittella kuncert mill-kantanti Joseph Calleja u Michael Bolton.

**46/0124/09/I** 12/01/2009 E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit fejn talab biex naghmlu laqgha ma' NNG Promotions dwar il-kuncert ta' Joseph Calleja u Michael Bolton nhar il-Hadd 19 ta' Lulju 2009 gewwa l-Ex Parade Ground.

6.30. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0098/09/I u 46/0124/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jinghata dan il-permess pero qabel il-Kunsill jiltaqa' ma' l-organizzaturi biex jigu nfurmati b'dawk il-kundizzjonijiet li jitlob il-Kunsill f'attivitajiet ta' din ix-xorta.

6.31. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0104/09/I** 09/01/2009 E-mail minghand il-Kumitat Kongunt ghall-Infurzar tal-Ligi fejn informa l-Kunsill li l-high ups li jkunu pparkjati f'parking bay m'ghandhomx bzonn permess mill-Kunsill skond avviz legali numru 37 ta' l-2004.

6.33. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0104/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0114/09/I** 09/01/2009 E-mail minghand l-ETC fejn b'riferenza ghall-ittra li baghtna lil Dr. Sandra Sladden informaw lill-Kunsill li ghalissa t-talba tal-Kunsill ma tistax tkun attwata minhabba li l-iskema ghadha ma gietx imnedija izda fil-futur ser jikkuntatjaw lill-Kunsilli sabiex jaraw kif jistghu jattwaw din l-iskema kif imhabbar fl-ahhar bagit.

6.34. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0114/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0118/09/I** 09/01/2009 Ittra minghand ic-Citta di Maddaloni fejn baghtu kopja tal-partnership agreement iffirmat.

6.35. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0118/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li din ir-relazzjoni kienet bdiet matul is-sena l-ohra u ma kienx sar l-iffirmar minhabba li l-Kunsill ta' qabel xtaq ihalli din il-materja f'idejn Kunsill gdid. Ghaldaqstant il-kelliem ippropona biex ikun iffirmat ukoll dan il-Partnership

Agreement u naturalment il-Kunsill ghandu jahdem biex jakwista sponsorships, kontribuzzjonijiet jew ghotjiet biex isir dan ix-xoghol.

6.36. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.37. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0122/09/I** 12/01/2009 Ittra minghand CareMalta fejn talbu naghmlu nominazzjoni taghna ghall-Nazzareno Vassallo Award bhala inizjattiva ghall-anzjani.

6.38. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0122/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li minhabba skadenza ta' dati intbaghtet ittra biex ikun nominat il-Kunsill ta' Pembroke specjalment ghax-xoghol li ha biex twaqqfet l-Ghaqda Anzjani Pembroke.

**46/0123/09/I** 12/01/2009 Ittra minghand il-Pembroke Athleta Football Nursery fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill informaw lill-Kunsill li jaccettaw li jorganizzaw flimkien mal-Kunsill it-tornament tal-futbol tad-19 ta' Marzu u bhas-soltu lil kull partecipant jinghata token.

6.39. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0123/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jivvota nefqa ta' € 1,000 ghal din l-attivita'.

6.40. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.41. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0127/09/I** 12/01/2009 E-mail minghand il-Magister is-Sur Paul Fenech fejn talab aggornament fuq is-sitwazzjoni tal-grupp li gejjien minn Roccalumera fejn ghandhom hafna mill-arrangamenti lesti u qed jistennew konferma tad-dati meta gejjien u nformaw lill-Kunsill li lesti joffru l-assistenza taghhom fuq il-gemellagg ma' Cina.

**46/0203/09/I** 15/01/2009 E-mail minghand l-iskola Sir Adrian Dingli fejn informaw lill-Kunsill li m'humiex interessati fi skambju ta' studenti barra minn Malta izda jaccettaw li studenti jmorru jzuru l-iskola waqt iz-zjara taghhom basta wara l-ezamijiet ta' nofs tas-sena jigifieri wara l-24 ta' Frar 2009.

6.42. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0127/09/I u 46/0203/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-Kelliem informa lill-Kunsill li x-xoghol fuq din l-inizjattiva ghaddej gmielu u z-zjara fl-iskola Sir Adrian Dingli tal-grupp ippjanata l'issir fl-4 ta' Marzu. Il-kelliem talab lill-Kunsill biex jirringrazzja lis-Sur Fenech talli offra l-ghajnuna ghall-gemellagg mac-Cina kif approva l-Kunsill u fakkar lill-Kunsill li s-Sur Fenech ghandu kuntatti fic-Cina u wera x-xewqa li jiehu sehem fl-inizjattiva tal-Kunsill f'dan il-gemellagg u ghalhekk il-Kunsill ghandu jzommu nfurmat b'dak li jkun ser jaghmel il-Kunsill.

**46/0139/09/I** 13/01/2009 Ittra minghand is-Sur Godwin Caruana fejn talab l-ghajnuna tal-Kunsill biex l-entratura ezistenti ghall-Blokk 7 issir kif proposta fil-pjanta annessa minhabba li jkollu bzonn li tigi l-ambulanza ghat-tifel tieghu ta' spiss biex imur jaghmel it-terapija l-isptar.

6.43. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0139/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsilliera li minbarra is-Sur Caruana kienu avvicinawh nies ohra tal-Blokk rigward din il-problema u ghalhekk jidher li hemm bzonn li ambulanza tidhol aktar qrib il-post biex tkun ta' servizz ahjar ghall-bzonnijiet ta' dawn ir-residenti. Ghalhekk

ippropona li mal-perit, issir spezzjoni tal-post biex jaraw x'jista' isir. Il-kelliem ippropona ukoll li l-Kunsill japplika mal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex quddiem il-fetha jitpoggew tabelli ta' Tow Zone.

6.44. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.45. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0167/09/I** 14/01/2009 E-mail minghand is-Segretarju Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni l-Onor. Chris Said fejn b'riferenza ghall-konferenza ta' l-ECAD f'Malta f'Mejju 2010 informa l-Kunsill li s-Segretarjat tieghu lesti li jidhlu ghall-ispejjez biex issir il-konferenza u talab naghmlu s-sottomissjoni ghan-nom tal-lokalitajiet kollha Maltin u talab ninfurmawh bl-ezitu.

6.46. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0167/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsilliera li l-ittri diga ntbaghtu lill-ECAD biex jikkonfermaw li lesti jaghzlu lil Malta ghas-sena 2010 qabel nibdew ix-xoghol preparatorju ghal din il-Konferenza.

**46/0168/09/I** 14/01/2009 E-mail minghand in-NHDJC is-Sur John O'Dea fejn baghat kopja ta' l-avviz li ser jidher f'diversi gurnali fuq it-tender ta' installazzjoni u manutenzjoni ta' dawl fit-toroq.

6.47. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0168/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0177/09/I** 14/01/2009 E-mail minghand id-Direttorat tal-Bini u Tiswija ta' Djar il-Perit Anton Camilleri fejn b'riferenza ghall-ittra li baghtna rigward dawl madwar Sit C u D informa l-Kunsill li r-responsabilita' ta' twahhil ta' street lighting hija tal-Kunsill minhabba li l-Awtorita' ma tistax tiffinanzja dan ix-xoghol ghax jinholoq precedent minn Kunsilli ohra.

**46/0299/09/I** 21/01/2009 E-mail minghand id-Direttorat tal-Bini u Tiswija ta' Djar fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill dwar lampi f'Sit C u D informa l-Kunsill li l-Awtorita' tad-Djar ma tistax taghmel ftehim bl-istess mod li ghamlet ghal Sit A, B u F minhabba li Triq San Gorg Preca u t-toroq tal-madwar m'huwiex progett ta' landscaping ghax huma toroq pubblici li minnhom jghaddu l-karozzi.

6.48. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0177/09/I u 46/0299/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsilliera li fuq dan il-punt diga ingibdet l-attenzjoni tal-Onor. Chris Said u ghalhekk wara din l-ittra mid-Dipartiment ippropona li l-Kunsill ghandu jressaq ghall-attenzjoni ta' l-Awtoritajiet Centrali nkluz lill-AKL il-problema li qed tinholoq lil dawk il-Kunsilli fejn il-Gvern permezz ta' l-Awtorita' tad-Djar jibni Housing gdid u jhallih minghajr dawl. Il-kelliem qal li kulhadd jaf li ebda Kunsill ma jinghata bizzejjed finanzi biex jinstalla dawl gdid fuq skala kbira fil-lokal tieghu bhal meta jkollok Housing Estate gdid.

6.49. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.50. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0191/09/I** 15/01/2009 Programm ghat-Tour ta' Malta 2009 li ser isir bejn il-25 u d-29 ta' Marzu 2009.

6.51. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0191/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob laqgha mas-Sur John Zammit halli jekk jixtieq il-Kunsill ikun jista’ japplika ghall-iskema ta’ fondi ghall-inizjattivi sportivi kif nieda d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

6.52. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.53. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0199/09/I** 15/01/2009 E-mail minghand il-Korporazzjoni Enemalta fejn baghat l-ispecifikazzjonijiet ta' lampi whip type.

6.54. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0199/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li dan id-dokument kien gie mitlub waqt il-laqgha li saret mar-rapprezentanti ta’ l-Enemalta minhabba li jidher li dawn l-arbli jistghu isiru mill-Kunsill bi ftit flus jekk tinhass il-htiega permezz tal-haddiem ta’ l-IPSL.

**46/0220/09/I** 16/01/2009 Kopja ta' l-ittra li l-Korporazzjoni Enemalta baghtu l-BMX Association dwar it-talba taghhom ghall-installazzjoni ta' dawl gdid fejn il-kumpless u nfurmawhom li hija responsabilita' tal-Kunsill li jinstalla dawl gdid.

6.55. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0220/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaghmel spezzjoni taz-zona sabiex ikun identifikat jekk jistghux jitwahhlu xi lampi godda.

6.56. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.57. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0234/09/I** 16/01/2009 E-mail minghand l-Ufficjal Awtorizzat tal-Kumitat Kongunt ghall-Infurzar tal-Ligi fejn informa l-Kunsill jippreparaw informazzjoni bir-ritratti u siteplans dwar oggetti mitluqa fil-lokal minhabba li bdew jingabru oggetti mit-toroq meqjusa bhala abbandunati.

6.58. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0234/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li dan ix-xoghol kien sar wara li dar dawra madwar Pembroke kollu u ha sensiela ta’ ritratti li wara ntbaghtu lill-awtoritajiet kif mitlub.

**46/0239/09/I** 16/01/2009 E-mail minghand is-Sur Jesmond Xuereb ta’ l-FTZ fejn baghat kopja ta' l-e-mail li rcieva mill-Ministeru ghall-ftuh ta' CTLC fejn informawh li ghadhom kemm fethu centru f’Pembroke fil-Malta Institute of Management u ssuggerew isir komunikat maghhom.

6.59. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0239/09/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ghandu xorta wahda jipprova jgib fondi biex eventwalment meta ticcaqlaq il-librerija jkun hemm centru ta’ l-IT fil-Kunsill sabiex ikunu jistghu isiru korsijiet ghar-residenti tal-lokal minghajr hlas.

6.60. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.61. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0246/09/I** 19/01/2009 Ittra minghand Michael Manicolo fejn qed jinforma lill-Kunsill li l-kaxxa tad-dawl ghall-Gnien Madre Teresa ta’ Kalkutta ser tkun tal-hadid u ser tiswa €600.00 inkluz ix-xoghol kollu li hemm bzonn li jsir.

6.62. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0246/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta din il-kwotazzjoni bil-kundizzjoni li mal-kont il-Kunsill jinghata d-dokumentazzjoni kollha necessarja li tinkludi c-certifikazzjoni tax-xoghol kif ukoll l-ispecifikazzjonijiet tal-kaxxa li ser tintuza u dan fid-dawl ta' regolamenti ta' l-EU.

6.63. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.64. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0256/09/I** 19/01/2009 E-mail minghand it-Tourism and Sustainable Development Unit fejn is-Seg. Parlamentari ghad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni flimkien mad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ser jorganizzaw seminar fis-6 ta' Frar 2009 li l-ghan tieghu ser ikun li jinghataw idejat fuq progetti ta' natura sostenibbli fil-qasam edukattiv, socjali, ambjentali u kulturali liema progetti jistghu jigu mwettqa fil-lokal.

6.65. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0256/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0266/09/I** 20/01/2009 Ittra minghand il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura Zghazagh u Sport fejn l-Onor Dolores Cristina qed tistieden lis-Sindku u l-Kunsilliera ghall-seminar konklussiv tas-sena ewropea tad-Djalogu Interkulturali li ser isir nhar il-Gimgha 30 ta' Jannar bejn id-9.00am u s-1.15pm fil-Kavallier ta' San Gakbu, l-Belt Valletta.

6.66. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0266/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0273/09/I** 20/01/2009 Mozzjoni proposta mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u ssekondata mis-Sindku Joe Zammit ghal talba ta' Friendship ma' Celettes, rahal fi Franza.

6.67. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0273/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0307/09/I** 22/01/2009 E-mail minghand Wise Owl Publications fejn informaw lill-Kunsill bil-ktieb ta' Guido Lanfranco bl-isem ta' '**Naghrfu il-Leggendi Maltin'** li qed joffruh ghall-prezz specjali ta' €5.75.

6.68. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0307/09/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jixtri hames kopji ta' dan il-ktieb sabiex filwaqt li 2 jitpoggew fil-librerija l-ohrajn jintuzaw sabiex jinghataw bhala tifkiriet.

6.69. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.70. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0310/09/I** 22/01/2009 E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit fejn b'riferenza ghall-e-mail li kienet baghtet is-Sinjura Alexia Sue Schembri talab sabiex incemplulha u nistaqsuha fejn qed titlob li jsir id-dawl. (Fejn qed jinbena il-gnien il-gdid)

6.71. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0310/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jerga' jitlob li ssir il-laqgha ma' l-Onor. Ministru George Pullicino liema laqgha kellha issir xi gimghat ilu u kienet thassret u dan sabiex fost ohrajn il-Kunsill jara f'hiex wasal ix-xoghol u x'dawl li se jkun hemm mal-gnien li qed isir specjalment in-naha tat-tarf tat-triq.

6.72. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.73. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0320/09/I** 22/01/2009 E-mail minghand il-Kunsill Malti ghall-Isport fejn baghtu skema ta' inizjattivi sportivi ghall-Kunsilli Lokali 2009 li l-applikazzjonijiet ghal din l-iskema jaghlqu fl-20 ta' Frar 2009.

**46/0331/09/I** 23/01/2009 Memo 05/2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Skema dwar Inizjattivi Sportivi, liema skema taghlaq nhar il-Gimgha 20 ta' Frar.

**46/0341/09/I** 23/01/2009 Ittra mill-Pembroke Athleta Athletic Section fejn informaw lill-Kunsill li ser issir il-hmistax il-edizzjoni tal-maratona ta' giri fit-toroq ta' Pembroke u Swieqi nhar il-Hadd 5 t'April fit-8.30am u talbu donazzjoni ta' €632.50 sabiex jinghataw trofew lill-atleti rebbieha u spejjez ohra u s-servizz ta' 6 gwardjani lokali.

6.74. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0320/09/I, 46/0331/09/I u 46/0341/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob laqgha mal-Pembroke Athleta Sezzjoni Atletika sabiex flimkien mal-Kunsill issir applikazzjoni ghall-iskema sportiva li nieda d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

6.75. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.76. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0323/09/I** 23/01/2009 Ittra mill-President ta' l-iskola tal-Verdala fejn talab sabiex jigu nstallati road humps fi Triq Cassino minhabba l-velocita' li jghaddu l-karozzi u bhala sigurta' ghat-tfal li jattendu l-iskola.

6.77. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0323/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Verdala International School ghandhom jigu nfurmati li mhux possibli li issir din ir-road hump minhabba li hija triq principali; fl-istess hin ghandhom jaraw li meta jkunu qed jaqsmu l-istudenti dawn ghandhom jaqsmu fi grupp sabiex ikun hemm anqas periklu u li jkunu assistiti minn adult meta tinhass il-htiega kif ukoll jekk huwa possibbli, il-Kunsill qed jghati il-permess biex l-iskola tintroduci l-iskema ta' lollipop man/lady bhall ma hemm f'pajjizi barranin. L-iskola ghandha ukoll permezz ta' leaflet tinforma lill staff taghha u genituri biex ma johorgux wrong way mill iskola kif qed isir bosta drabi.

6.78. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.79. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0333/09/I** 23/01/2009 E-mail minghand Bajada Group fejn talbu laqgha mal-Kunsill dwar is-sistema fotovoltajici.

6.80. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0333/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0334/09/I** 23/01/2009 E-mail minghand is-Sur Charles Bezzina mis-St. David's Welsh Society fejn baghat newsletter sabiex titqassam lill-membri tal-Welsh Society u nforma lill-Kunsill li nhar il-Hadd l-1 ta' Marzu 2009 ser isir is-St. David's Dinner gewwa 'The Carlson Suite' Radisson SAS.

6.81. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0334/09/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-membri tal-Kunsill ghandhom jattendu ghal din l-attivita' bil-hlas isir mill-Kunsill u dan fid-dawl li l-membri tal-Kunsill huma kollha membri fil-kumitat ta' l-ghaqda.

6.82. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.83. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0348/09/I** 23/01/2009 Stima minghand J&K Contractors Ltd. ta' €3,748.46 sabiex iwitti u jillivella l-materjal li hemm fid-dahla ta' Pembroke biswit l-istalel taz-zwiemel fi Triq Gioacchino Le Brun skond works order 103/2008.

**46/0349/09/I** 23/01/2009 Stima minghand J&K Contractors Ltd. ta' €194 ghal tindif u tnehhija ta' materjal mill-parking area f'San Gorg.

**46/0350/09/I** 23/01/2009 Stima minghand J&K Contractors Ltd. ta' €274 ghal tiswija ta' manhole f'San Gorg.

**46/0351/09/I** 23/01/2009 Stima minghand J&K Contractors Ltd. ta' €1,950 ghal irrangar ta' roundabout ta' San Gorg.

**46/0355/09/I** 23/01/2009 Stima minghand J&K Contractors Ltd. ta' €1,404 ghal tindif u tnehhija ta' materjal minn fejn il-lukanda Radisson.

6.84. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0348/09/I, 46/0349/09/I, 46/0350/09/I, 46/0351/09/I u 46/0355/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jekk jippermettu l-fondi ghandhom isiru dawn ix-xoghlijiet kollha. Il-kelliem qal li l-Perit tal-Kunsill Kevin Fsadni kien prezenti waqt l-ispezzjoni li saret u qal li l-Perit kien qallu li biex isir dan ix-xoghol m'hemmx bzonn permessi minghand il-MEPA.

6.85. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.86. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0352/09/I** 23/01/2009 Stima minghand J&K Contractors Ltd. ta' €1,267 ghal irrangar ta' paving blocks fejn Blokk B5 f'San Gorg.

**46/0353/09/I** 23/01/2009 Stima minghand J&K Contractors Ltd. ta' €785 ghal irrangar ta' drainage inspection chambers quddiem il-garaxxijiet ta' San Gorg.

**46/0354/09/I** 23/01/2009 Stima minghand J&K Contractors Ltd. ta' €1,002 ghal tindif u tnehhija ta' materjal bejn Blokk 5 u l-garaxxijiet f'San Gorg.

6.87. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0352/09/I, 46/353/09/I u 46/0354/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dawn l-istimi ghandhom jintbaghtu lill-Perit Anton Camilleri u lill-Perit Alex Cutajar sabiex l-Awtorita' tad-Djar tintalab tirrifondi l-ispejjez sabiex isir dan ix-xoghol, liema hsara qed tirrizulta li x-xoghol fil-bidu ma kienx sar tajjeb.

6.88. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.89. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0373/09/I** 26/01/2009 E-mail minghand id-Direttorat tal-Bini u Tiswija ta' Djar il-Perit Anton Camilleri fejn baghat kopja ta' l-e-mail li rcieva mill-Perit Robert Grech dwar il-bankina madwar Sit D fejn infurmah li l-bankina hija parti mill-iskema ta' l-ADT.

6.90. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0373/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jikteb ufficjalment lill-ADT u jitlob li jsir dan ix-xoghol.

6.91. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.92. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0391/09/I** 26/01/2009 E-mail minghand AllCare Insurance Brokers Ltd. fejn baghtu lill-Kunsill

lista ta' beneficcji li tkopri l-iskema tas-Sahha.

6.93. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0391/09/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jitlob laqgha maghhom dwar il-possibilita' li jkun hemm aktar beneficcji fl-iskema.

6.94. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.95. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0403/09/I** 27/01/2009 Ittra minghand il-Kunsill Malti ghall-Isport fejn baghtu dokument dwar l-iskema ta' inizjattivi sportivi ghall-Kunsilli Lokali 2009 u nformaw lill-Kunsill li l-gheluq ta' l-applikazzjonijiet hija fl-20 ta' Frar 2009.

6.96. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0403/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0407/09/I** 27/01/2009 Memo 7/2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn informaw lill-Kunsill bis-seminar dwar l-izvilupp sostenibbli u t-tisbih tar-relazzjonijiet bejn il-koppji li ser isir nhar il-Gimgha 6 ta' Frar 2009 fit-3.00pm fis-Sala Sir Temi Zammit - Dar il-Mediterran ghall-Konferenzi l-Belt u talbu ninfurmawhom min ser jattendi ghas-seminar kif ukoll ghar-reception li ser ikun hemm wara.

6.97. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0407/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0419/09/I** 27/01/2009 Ittra minghand id-Demsey Aluminium fejn baghat kwotazzjoni biex jigu rrangati s-sellaturi tal-bibien ta' l-aluminium li ghandna gewwa option A biex jirrenghom il-Kunsill ghall-prezz ta' €30.23 inkluz il-VAT u option B jirrenghom fil-Workshop ghall-prezz ta' €68.72 inkluz il-VAT.

6.98. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0419/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jirranga biss il-bieb tar-reception minhabba li huwa l-bieb li jaghti lok li tintlahaq il-kaxxa tad-dawl.

6.99. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.100. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0424/09/I** 27/01/2009 Ittra minghand Adventure Camping Shop fejn talab permess mill-Kunsill sabiex bejn il-Gimgha 27 ta' Marzu u l-Hadd 3 ta' Mejju 2008 jorganizza fiera tal-kampijiet fejn l-Ex Parade Ground.

6.101. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0424/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li qabel jinghata l-permess ghandha ssir laqgha ma' l-organizzatur.

6.102. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.103. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsilliera li bhalissa l-kumitat kongunt tan-NHDJC qed jistenna li jaghlqu t-tenders ta' kuntrattur gdid ghal xoghol ta' l-installazzjoni ta' dawl. Rigward l-LES il-kelliem irrefera lill-Kunsilliera ghall-minuti ta' l-ahhar laqgha li saret.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera ghall-programm ta' attivitajiet imhejja ghal Jum Pembroke kif propost specjalment minhabba l-urgenza biex jintbaghat taht il-Youth for Action ghal zghazagh li gew mistiedna ghall-attivitajiet ta' Jum Pembroke. Il-kelliem ippropona li dawn il-programmi ghandhom jigu approvati sabiex jibda x-xoghol fuqhom.

8.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Rapport Finanzjarju Ottubru – Dicembru 2008.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li r-rapport jigi approvat kif ipprezentat. **(Ara dokument M)**

9.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

9.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.04. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li ladarba hemm bilanc pozittiv jistghu jigu ordnati x-xoghlijiet li gew approvati aktar kmieni fil-laqgha.

9.05. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

9.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.07. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li item 10 u 11 ghandhom jigu diskussa darb'ohra.

9.08. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

9.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Mozzjoni 01/2009 - Talba ghal Friendship ma' Celettes fi Franza.

12.01. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li tigi diskussa mozzjoni numru 01/2009. **(Ara dokument N)**

12.02. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.03. Wara diskussjoni li saret il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet l-approvazzjoni tal-mozzjoni 01/2009 kif ipprezentata u ghaldaqstant il-Kunsill ghandu jinforma lill-Kunsill ta' Celettes bil-proposta tal-Kunsill Lokali Pembroke halli wara kollox il-Kunsill ikun jaf jekk Celettes humiex interessati li jsir Partnership Agreement sabiex jekk ir-risposta tkun fl-affermattiv ikun jista' jibda l-process ghall-iffirmar tal-ftehim.

12.04. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13. Approvazzjoni tal-kontijiet.

13.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument O, P, Q u R)**

13.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati ghajr tad-dawl ta' Sit B San Gorg.

13.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

13.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14. Materji ohra.

14.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-Internal Memo 07/2009 fejn ippropona li l-Kunsill jaghzel l-offerta ta' Eco Energy International abbazi li l-offerta taghhom meta mqabbla ma' ohrajn li jaghtu l-istess energija, tiehu anqas spazju u ghandha aktar snin ta' garanzija. Il-kelliem ippropona ukoll li l-Kunsill jaghmel ix-xoghol jekk l-applikazzjoni tal-Kunsill ghall-fondi mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali tigi approvata kif ukoll li d-differenza bejn l-ammont allokat u l-ammont ta' kemm tiswa s-sistema jigifieri € 2,120 jinhareg mill-Kunsill.

14.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.04. Il-laqgha ntemmet **fid-9.00 pm** wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 11 ta' Frar 2009 fil-5.30 pm.

Joe Zammit
**Sindku**

Kevin Borg
**Segretarju Ezekuttiv**